**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 15/2018 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Permezz ta' tlett kuntratti, wiehed minnhom maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion, datat 7 ta' Lulju 2004 (Dok. "A") u tnejn ohra maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion, datati 21 ta' Frar 2006 (Dok. "B" u Dok. "C"), is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard fis-somma ta' mitejn u sebgha u ghoxrin elf, mitejn u tnejn u disghin Ewro u tmienja u

sittin centezmu (€227,292.68) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Account*" ta' Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D6", Dok. "E1 sa E6", Dok. "F1 sa F5" u Dok. "G1 sa G6") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmija (Dokumenti "A", "B" u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Awwissu 2012, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "H" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (Dokumenti "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament billi Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-

possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjetà attrici is-somma ta' mitejn u sebgha u ghoxrin elf, mitejn u tnejn u disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€227,292.68) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Account*" ta' Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D6", Dok. "E1 sa E6", Dok. "F1 sa F5" u Dok. "G1 sa G6") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Awwissu 2012 (Dok. "H") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huwa ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati skond il-ligi, l-intimati ma ressqu ebda twegiba ghall-kawza.

Rat in-nota tal-Bank rikorrenti li permezz taghha t-talba giet ridotta ghall-ammont ta' €223,808.22 flimkien u l-imghax legali mis-27 ta' Frar 2018 sal-jum tal-effettiv pagament.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ulterjuri li permezz taghha it-talba giet ridotta ghall-ammont ta' €191,916.82 flimkien ma' imghax legali mit-13 ta' April 2018 sal-jum tal-effettiv pagament.

Rat illi, minkejja li l-intimati nghataw il-fakoltà li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, dawn ghazlu li ma jressqu ebda sottomissjoni.

Ikkunsidrat il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li ma jqisux il-kontumacja bhala ammissjoni tat-talbiet izda li jibqa' jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova li t-talba tieghu hija ben fondata fil-fatt u fid-dritt.

Meqjus dan kollu il-Qorti tqis ghalhekk li l-Bank rikorrenti rnexxielu jipprova bid-dokumentazzjoni pprezentata taht gurament illi t-talba tieghu hija gustifikata u jisthoqqilha tintlaqa' fl-intier taghha minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba fis-sens li tikkundanna lil Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lil Bank of Valletta p.l.c. is-somma ta' mija u wiehed u disghin elf, disa' mija u sittax-il Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€191,916.82) flimkien mal-imghax legali mit-13 ta' April 2018 sal-jum tal-effettiv pagament, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Saviour sive Sammy u Bridget mizzewgin Attard.

IMHALLEF

DEP/REG